**21 ta' April, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Joseph Rossignaud ne.

*versus*

Emmanuele Camilleri

**Mara — Alimenti — Abbandun — Għajnuna Soċjali — Art. 6 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 26 National Assistance Act, 1956.**

*Il-mara titlef id-dritt tagħha għall-alimenti kontra raġel jekk hija, wara li tkun telqet mid-dar ta' żewġha, ma tkunx trid, bla ma jkollha għaliex, tmur lura fid-dar tiegħu. Ir-raġel mhux obligat ħlief li jirrikjama lill-martu f'daru; imma, jekk hi ma tirritornax, huwa mhux tenut jipproċedi kontra tagħha. Għax ir-raġel ma jistgħax jobliga lill-martu terġa tmur miegħu; u għalhekk hu meħlus mill-obligu li jmantniha sakemm hija ma tippruvax li kienet ġustifikata titilqu.*

*Jekk id-Dipartiment tal-Għajnuna Soċjali jissomministra lill-mara u lill-uliedha l-manteniment bħala għajnuna soċjali fil-perijodu meta hija tkun telqet mid-dar ta' żewġha, dak id-Dipartiment ma jistgħax jirripeti minn għand ir-raġel il-flus li jkun ħallas lill-mara għall-alimenti tagħha u ta' wliedha, jekk ma jiġix pruvat li l-mara kellha raġuni tajba biex titlaq mid-dar konjugali.*

*F'kawża li jagħmel id-Direttur ta' dak id-Dipartiment kontra r-raġel għar-rifużjoni ta' flus mogħtija lill-mara għall-manteniment tkun għalhekk meħtieġa l-indaġini jekk kienx hemm din ir-raġuni tajba; u għal dan il-fini jeħtieġ li l-mara tkun parti fil-kawża.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat iħallas lill-attur fil-kwalità tiegħu fuq indikata s-somma ta' £67.10.0, għal daqstant ieħor imħallas mill-attur nomine lil Conċetta Camilleri, mart il-konvenut, għall-manteniment tagħha u tal-minuri

Mary, Josephine u Natalina (ulied il-konvenut u l-istess Conċetta Camilleri) matul il-perijodu mit-23 ta' Diċembru 1959 sat-28 ta' Ġunju 1960, bir-rata ta' £2.10.0 fil-ġimgħa; liema somma tħallset bħala għajnuna soċjali taħt in-National Assistance Act, 1956. Bl-interessi legali u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-7 ta' April 1960, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-eċċezzjoni tal-konvenut tinsab bażata fuq l-art. 6 tal-Kodiċi Ċivili, li jiddisponi illi "id-dmir tar-raġel għall-manteniment tal-mara jispiċċa jekk din, wara li tkun telqet mid-dar ta' żewġha, ma tkunx trid, bla ma jkollha għaliex, tmur lura fid-dar tiegħu"; jiġifieri illi, sakemm ma jirriżultax pruvat illi l-mara kellha raġuni tajba biex ma terġax tmur ma' żewġha, dan ma jkunx obligat imantniha. Din hija sanzjoni tal-obligu tal-konvivenza li l-mara għandha lejn żewġha; u dan, għalhekk, hu protett mill-eċċezzjoni "inadimplenti non est adimplendum" (v. Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 133, §13). Ir-raġel mhux obligat ħlief li jirrikjama lil martu f'daru; iżda, jekk din ma tirritornax, huwa mhux tenut jipproċedi kontra tagħha. "Perchè il marito possa ricusare gli alimenti alla moglie a base dell' art. 133, non è necessario che abbia ottenuto sentenza la quale dichiari senza causa l'allontanamento della moglie; è invece a carico della moglie che vuole evitare detta sanzione di giustificare il proprio allontanamento e durante il giudizio il marito può negarle gli alimenti" (Fadda, op. ċit., §64). Del resto, hu magħruf illi r-raġel ma jistgħax jobliga lil martu terġa tmur miegħu (art. 389 Proċ. Ċiv., u Kollez. XXII-I-1); u kien għalhekk li l-liġi ħallet ir-raġel mill-obligu li jmantniha sakemm hija ma tippruvax li kienet ġustifikata titilqu. "Havvi un caso in cui il marito è sciolto dall'obbligo di mantenere la moglie, e cioè quello dell'abbandono volontario e capriccioso . . . il marito non potrebbe più, crediamo, invocare il mezzo diretto e rigoroso della forza, "manu militari", per ricondurre a sè la moglie; e appunto per questo non gli si poteva negare il mezzo indiretto e mite di ricusare alla moglie gli alimenti finchè essa

non adempisca da parte sua l'obbligo reciproco di abitare con lui" (Digesto Italiano, Alimenti, §36);

F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XXXV-I-186);

Illi, skond il-provi li saru f'din il-kawża, il-konvenut u martu kienu għamlu paċi, marru flimkien, u l-kawża li kellhom ġiet ċeduta; wara xi xahrejn u nofs il-mara tal-konvenut telqet mid-dar, hija tgħid għax żewġha sawwatha, u l-konvenut jgħid mingħajr ebda raġuni; u għad li nterpellaha biex tirritorna f'daru, hija sal-lum għadha ma rritornatx; u għalhekk huwa qiegħed jinvoka favur tiegħu l-art. 6 fuq ċitat, u jippretendi li ma għandux jirrifondi lill-Gvern il-Manteniment li huwa ma kienx tenut jgħaddi lil martu;

Illi, "rebus sic stantibus", jeħtieġ issir l-indaġini jekk il-mara tal-konvenut kellhiex raġuni tajba biex titlaq u ma tirritornax f'dar żewġha; u biex dan isir, jeħtieġ li hija tkun parti fil-kawża;

Illi ma jidherx li l-attur jista' jinvoka favur tiegħu d-dispost tal-art. 26 tal-Att tal-1956 (introdott bl-Att VIII tal-1957); għaliex s'issa, minħabba dak li ntqal, ma jirriżultax illi l-konvenut huwa legalment obligat imantni lil martu. Del resto, l-attur, anki bħala terza persuna, ikollu d-dritt għar-rifużjoni fil-każ biss li l-mara tal-konvenut kienet ġustifikata titbiegħed mid-dar ta' żewġha (v. App. Ċiv. 6.11.1924 in re "Paris vs. Galea" (inedita);

Għal dawn il-motivi;

Mingħajr preġudizzju tad-drittijiet tal-kontendenti;

Tordna li, a kura u spejjeż provviżorjament tal-attur, tiġi msejħa fil-kawża Concetta Camilleri biex tidher fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 1961; għal liema ġurnata qegħdha tiġi differita l-kawża;

Spejjeż riżervati.